# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar 2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 27/97mm**

**Joseph Camilleri**

**vs**

**Joseph Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fid-9 ta' Jannar 1997 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma komplessiva ta' hames mija u sitt liri (Lm506) dovuti in kwantu ghal tlett mija u hamsa u tmenin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm385.25c) bhala spejjez ghal xoghol ta' "spraying" fuq il-karozza tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni KAD 285 u in kwantu ghal mija u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm120.75c) bhala danni ghal kiri ta' karozza matul il-

perjodu li din l-istess karozza damet ghandu u ghand “sprayer” iehor biex jirranga x-xoghol hazin li huwa ghamel.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 22 ta’ Novembru 1996, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ din l-ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi x-xoghol tal-konvenut kien maghmul skond is-sengha u l-arti kif jigi ppruvat okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, t-talba ta’ l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li t-talba tal-attur qed tmur oltre d-differenza fil-prezz u stante li l-ammont mitlub mill-attur mhuwiex dovut kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ April 1997  fejn innominat lil Philip Zammit bhala tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu konjizzjoni  ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit ippresentata u mahlufa fis-7 ta’ Marzu, 2000.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-avukat tal-konvenut spjega ahjar it-tieni eccezzjoni tieghu fejn ghamel referenza ghad-differenza fil-prezz u spjega illi dina kienet tfisser illi kien hemm xi ammonti dovuti mill-konvenut minghand l-attur liema differenzi ma jidhirx illi gew kunsidrati mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu.

Apparti l-fatt illi dina hija xi haga legali illi trid tmur oltre l-kompetenza tat-tekniku, l-Qorti jidhrilha illi mil-mod kif spjega l-avukat tal-konvenut jidher illi kien qieghed jitlob li ssir tpacija bejn xi ammonti illi kienu dovuti bejn il-partijiet. Din it-tpacija hija regolata mill-artikolu 1197 tal-Kodici Civili pero', ma ssirx b'dan l-mod kif issuggerixxa l-istess avukat tal-konvenut. Skond l-artikolu msemmi t-tpacija tista ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett inter alia somma ta' flus li jkunu t-tnejn likwidati u li jistghu jintalbu. Jekk dana ma jsirx allura ma hemmx lok ghat-tpacija. F'kawza fl-ismijiet Onorevoli Carm Lino Spiteri vs D P W deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Jannar 1988 l-Qorti kienet qalet illi ma tistax issir tpacija meta dejn illi qed jallega li ghandu favur tieghu l-konvenut mhuwiex likwidu u ezegwibbli jew ta' lanqas facilment likwidabbli. It-tpacija lanqas ma topera ipso jure jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra (ara wkoll Grezzju Gerada vs Mario Gauci avviz 1279/86mm).

Minn imkien ma jidher mill-atti tal-process illi din it-tpacija giet b'xi mod ammessa jew kunsidrata mill-attur jew inkella mill-partijiet l-ohra nvoluti f'din il-kawza, ghalhekk il-mod kif spjega l-avukat tal-konvenut ma tistax tigi kunsidrata minn din il-Qorti u

jekk din it-tieni eccezzjoni tfisser illi hemm xi tpacija xi jsir bejn il-partijiet dina ma tistax t'opera bil-mod kif gie suggerit mill-istess avukat, ghalhekk il-Qorti trid tghaddi biex tikkonsidra l-meritu u r-rapport ta' l-istess perit kif ippresentat fir-rapport tieghu fis-7 ta' Marzu,2000.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut kien gie nkarigat jaghmel xoghol ta' spray fuq karozza Peugeot 205 bin-numru tar-registrazzjoni KAD 285, liema xoghol kellu jsir fil-garage tieghu. Il-konvenut spjega illi qabel ma beda x-xoghol finali ta' l-spray huwa ta l-*undercoat* ta' cellulose u mbaghad l-*finish* tal-hardener. Skond ir-rapport tat-tekniku Zammit jidher illi din it-tahlita ma kienetx tajba peress illi l-kimika tas- cellulose ma kienetx taqbel ma dik tal-*hardener* b'tali mod illi z-zebgha ma tinxifx minkejja illi jkunu ghaddew il-granet. Dana jfisser quindi illi jkun hemm ic-carcir u z-zebgha ma tkunx tajba tal-kwalita' kif suppost tkun. Dawn id-difetti bdew jidhru mal-ewwel u l-attur ma kellux alternattiva ohra hlief li jiehu l-karozza band'ohra, jerga jqaxxar iz-zebgha kollha mill-gdid u terga tigi sprejjata darb'ohra. Din id-darba x-xoghol sar sew u jidher illi ntefqu l-ammonti ndikati fl-avviz sabiex dan ix-xoghol jerga jsir.

It-tekniku Philip Zammit ikkonkluda illi x-xoghol ta' spray illi sar mill-konvenut fuq din il-karozza kien difettuz, fis-sens illi z-zebgha ma nixfitx sewwa u baqghet morbida. Dan id-difett baqa fuq l-spray anke wara li giet isprejjata ghat-tieni darba mill-konvenut. A fol 47 it-tekniku kkonkluda wkoll fil-fehma tieghu illi

d-difett fiz-zebgha fuq din il-vettura kien ir-rizultat ta' xoghol hazin fil-preparazzjoni u l-bazi ta' l-spray taghha. Kif stqarr il-konvenut stess l-*undercoat* li huwa wza fuq din il-vettura kien *undercoat* normali u cioe' *undercoat* tas-cellulose u mhux undercoat tal-hardener kif kien il-finish li eventwalment sar fuq din il-vettura. Irrizulta illi l-*undercoat* tas-cellulose u l-spray tal-*hardener* jaghtu reazzjoni kemikali bejniethom b'tali mod illi tista tikkrea hafna difetti koroh li wiehed minnhom hu proprju li l-undercoat qatt ma jinxef u jibqa' morbidu b'rizultat illi z-zebgha ta' fuqu dejjem tibqa' morbida. A fol 48 it-tekniku kkonkluda illi d-difett fl-spray tal-vettura gie kkawzat minn uzu hazin ta' materjal ta' zebgha illi l-konvenut applika biex jissprejja din il-vettura u ghalhekk kien tal-fehma illi t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' hames mija u sitt liri dovuti ghal xoghol ta' spray fuq din il-karozza ghandha tigi milqugha. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddipartixxi minn dawn l-argumenti migjuba mit-tekniku Philip Zammit u taghmel taghha l-istess konkluzzjonijiet, aktar u aktar meta ma ngabux ragunijiet ohra teknici ghaliex dan ir-rapport tat-tekniku nominat mill-Qorti ma ghandhux jigi adottat.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti ghalhekk tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' hames mija u sitt liri (Lm506) dovuti in kwantu ghal tlett mija u

hamsa u tmenin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm385.25c) bhala spejjez ghal xoghol ta' "spraying" fuq il-karozza tal-marka

Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni KAD 285 u in kwantu ghal mija u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm120.75c) bhala danni ghal kiri ta' karozza matul il-perjodu li din l-istess karozza damet ghand il-konvenut u ghand "sprayer" iehor biex jirranga x-xoghol hazin li l-istess konvenut kien ghamel.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg